MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 607/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-asikurat taghha Claus Jes Petersen sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Claus Jes Petersen**

**vs**

**Adriano Scicluna**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm686.19c (sitt mija u sitta u tmenin lira Maltin u dsatax-il centezmu) jew somma ohra verjuri rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-1 ta' April, 2001 f' Triq il-Knisja, San Giljan bejn vettura numru ta' registrazzjoni DBG 372 misjuqa mill-konvenut u vettura numru ta' registrazzjoni DBC 235 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Claus Jes Peterson, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut

minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi (Lm6.00c tal-konsult) u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tieghu, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Ir-responsabilita’ da parti tieghu ghall-akkadut hija ammessa izda d-danni kagunati fl-incident de quo kienu ferm minnu, u ghalhekk l-ammont reklamat mill-atturi huwa eccessiv u kontestat stante illi jidher illi l-vettura ta’ l-attur Claus Jes Petersen kienet involuta f’incident iehor ferm aktar serju.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-azzjoni attrici hija limitata ghal quantum tad-danni stante li r-responsabbilta’ giet assunta mill-konvenuti.

Ictu oculi kien jidher li kienet daqqa minima ghall-ahhar.

Peress kif xehed is-surveyor Peter Bonnici l-hsara kienet tidher hekk kif sar ezami akkurat. Di fatti, il-magjor parti tal-kont jirrigwardja riparazzjoni u mhux bdil ta’ parts.

Il-kontestazzjoni ta’ xi daqqa ohra fuq l-istess naha giet negata mill-assikurat stess u martu li xehdu li d-daqqa sussegwenti kienet fuq quddiem xellug, mhux lemin fuq wara.

Obiter ghandhu jinghad li hija l-prassi bejn is-socjetajiet assiguraturi li f’kaz ta’ kopertura ‘comprehensive’ ma jigix nkarigat is-surveyor tal-kontroparti. Li kieku pero’ effettivament kien hekk, kieku dan il-kaz odjern ma kienx jinqala ghax kien jigi stultifikat ‘in punctorum temporis’.

Illi mill-kont prezentat mill-atturi ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm65.00c (hamsa u sittin lira Maltin) peress li giet imnizzla darbtejn sia fil-kont rapportat u sia fil-kont tar-riparaturi.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jsib lil konvenut unikament responsabbli in vista tal-ammissjoni tal-konvenut, jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm621.19c (sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu) in kwantu Lm571.19c (hames mija u wiehed u sebghin lira Maltin u dsatax-il centezmu) lis-socjeta' attrici u Lm50.00c (hamsin lira Maltin) 'excess' imhallas mill-assigurat lill-istess socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-interessi mit-12 ta' Marzu, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**